MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 59/2004

**Martin Degabriele ghan-nom tad-ditta Oasis Tours**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Agency u b'digriet tat-Tribunal tal-5 ta` April, 2004 l-isem tas-socjeta` konvenuta gie jinqara bhala GasanMamo Insurance Ltd u Carmela Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Jannar, 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta` seba` mija u tmienja u disghin lira (Lm798) rapprezentanti ammont telf ta` xoghol meta fil-11 ta` Marzu, 2003 gewwa Bugibba filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura numru IAG 416

habtet mal-minibus tad-ditta attrici u kkagunatilha diversi hsarat.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 27 ta` Jannar, 2004 fejn in linea preliminari eccepiet li l-isem tas-socjeta` konvenuta u tal-istess konvenuta gie mnizzel hazin u li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex locus standi f'dawn il-proceduri stante li si tratta ta` danni ex delictu oltre li kien ikun sufficcjenti biss li tigi notifikata b'ittra ufficcjali ai termini tal-Kap 104.

Illi fil-meritu s-socjeta` konvenuta qed tikkontesta l-ammont mitlub stante li kien ezagerat u tenut kont ukoll li gia` kien hemm ammissjoni dwar il-kwistjoni ta` responsabbilita` qabel ma nbdew l-odjerni proceduri. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` It-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fis-seduta tal-5 ta` April, 2004 is-socjeta` konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha in vista tal-fatt li saru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-okkju tal-kawza.

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta` gurnata xoghol li tilef minhabba l-habta tant li kellu jirrifondi l-flus tat-Tours u kif ukoll ghal kera ta` coach in sostituzzjoni ta` minivan ta` seba` t'ijiem kemm damet biex tissewwa l-vettura tieghu.

Illi l-konvenuti jilmentaw mill-fatt li l-vettura tal-attur kellha titlesta f'hames t'ijiem u mhux sebgha u fit-tieni lok ma kienx gust li l-attur kera coach mill-kbar in sostituzzjoni ta` minivan.

It-Tribunal josserva li l-attur kien gustifikat u rnexxielu jipprova sodisfacentement it-telf li sofra fil-gurnata tal-incident konsistenti f'refuzjonijiet li safa` kostrett li jaghmel

fl-ammont ta` Lm203 kif jidher mill-prospett a fol 17 tal-process u mill-ircevuti esebiti bhala MD2 sa MD8 tal-process.

Mhux l-istess jista` jinghad pero` ghas-somma ta` Lm595 li qed tigi mitluba in konnessjoni ma` kiri ta` coach ghal seba` t'ijiem bir-rata ta` Lm85 kuljum. F'dan ir-rigward it-Tribunal jemmen li l-attur naqas mill-obbligu legali tieghu stipulat fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta li jimminimizza d-danni u kif ukoll naqas li jipprova ghas-sodisfazzjon ta` dan it-Tribunal li huwa ghamel l-almu kollu tieghu sabiex jipprova jsib minivan simili ghal tieghu u minflok qabad u mar kera coach mill-kbar. It-Tribunal pero` jifhem ukoll li l-attur ma jistax joqghod wieqaf u jdum xi granet ifittex transport alternattiv.

Illi mill-banda l-ohra t-Tribunal ma jsibx li l-attur qed ikun ezagerat li jfittex kirja ta` seba t'ijiem meta l-minivan suppost li kellha tigi msewwija fi zmien hames t'ijiem.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi biex jillikwida arbitrio buon viri s-somma li ghandu jkun intitolat li jiehu ghal kera ta` seba t'ijiem u dana billi tapplikalu rata ta` Lm85 kuljum kif mitlub qieghed jikkalkula l-istess bir-rata ta` Lm50 kuljum li twassal ghas-somma ta` Lm350.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici b'dana pero` limitatament fis-somma komplessiva ta` hames mija u tlieta u hamsin lira (Lm553) stante li giet akkolta in parte t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u dana kif hawn fuq spjegat u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma fuq indikata ta` Lm553 bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza, b'dan illi l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwart mill-attur u tliet kwarti mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------